MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 21/2009

Giovanna Saliba kemm f'isimha proprju u kemm bhala mandatarja ta' hutha l-imsifrin John, Francis, Victoria mart Carmelo Mifsud ahwa Saliba, kif ukoll ghan-nom ta' Glenn u Julie ahwa Saliba ulied il-mejjet Michael; Barnardette mart Joseph Mifsud

vs

Adrian u Maria konjugi Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba ipprezentat fl-10 ta' Gunju 2009, li jghid hekk :

'Il-konvenut naqas li jhallas lill-attur l-ammont ta' qbiela dovut minn fuq ir-raba' tal-Kaccaturi fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex, imqabbel lill-konvenut minghand l-atturi bis-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30)  ekwivalenti ghal

disgha u sittin Euro u tmienja u tmenin centesimi (€69.88) fis-sena' ;

Ra li l-konvenuti minkejja li gew debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-8 ta' Lulju 2009, baqghu ma dahhlu ebda risposta fit-terminu biex jikkontestaw t-talba attrici, izda fl-ewwel dehera tal-kawza l-Avukat Dottor Simone Grech ghall-konvenuti nfurmat lit-Tribunal li wara li giet ipprezentata l-kawza thallas is-sorte kollu u li kien fadal pendenti biss il-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez ;

Ra l-verbal li sar fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2009, fejn il-kwistjoni bejn il-partijiet baqghet biss pendenti dwar l-ispejjez tal-kawza, u li l-Avukat Dottor Alfred Grech ghall-atturi nsista ghal sentenza dwar il-kap tal-ispejjez ;

Ra l-verbal tallum stess fejn l-atturi cedew il-meritu u baqghu izommu ferm il-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez ;

Ra' l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet x'ghandhom xi jghidu dwar il-kwistjoni tal-kap tal-ispejjez ;

Ikkunsidra :

Illi mid-dokumenti esibiti mill-istess konvenuti jirrizulta li l-ittra li l-konvenuti kienu baghtu lill-atturi fejn infurmawhom li mill-hlas tal-qbiela dovut lill-atturi ghandhom jitnaqqsu sehemhom mill-ispejjez ta' kawza ohra li allegatament kienet saret mil-konvenuti fl-interess ukoll tal-atturi kontra terzi, din kienet intbaghtet fis-16 ta' Lulu 2009, u cioe' tmint ijiem wara li gia' kienet giet innotifikata l-kawza lill-istess konvenuti. Mill-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2009, dan it-Tribunal inghata x'jifem li l-hlas tal-qbiela kien sar tardivament wara li giet innotifikata l-kawza il-ghaliex l-atturi baqghu ma taw ebda twegiba ghal din l-ittra : '***Ghal din l-ittra ma nghatat l-ebda twegiba u kien ghalhekk li ftit jiem wara li giet notifikata l-kawza sar il-hlas tal-kera meritu ta' dan l-avviz***'. Dan apparti l-fatt ukoll li l-konvenuti ma gabu ebda prova soddisfacenti dwar xi

ftehim verbali li kien hemm jew sata' kien hemm bejn il-partijiet dwar jekk l-atturi odjerni kellhomx ihallsu parti mill-ispejjez tal-kawza, li hija kwistjoni li bl-ebda ma tidhol fil-meritu ta' din il-kawza. Il-kontestazzjoni li l-konvenuti ma'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' din il-kawza mhijiex ghalhekk gustifikata.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u 223 tal-Kap.12.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ispejjez kollha gudizzjarji konnessi mat-talba taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------